MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 18/1998/1

**Kummissarju tal-Art**

**vs**

**Margerita Fenech, Grace Grech, Joseph Busuttil f'isem u ghan-nom tal-assenti May Chetcuti u tal-assenti George Chetcuti**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Artijiet li jghid hekk:

"Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 19 ta' Settembru 1997 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assulut bhala franka u libera tal-bicctejn art fil-Mosta u cioe' (a) bicca art tal-kejl ta' 253 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' propjeta' ta' Joseph Grech u mill-Grigal ma' Triq Pubblika u (b) fond nru 23 u

24, Triq il-Mithna li jinkludi giebja huwa ta' Lm7080 ghall-art indikata taht (a) u ta' hamsa u erbghin elf u mitt Liri Maltin (Lm45,100) ghall-fond indikat taht (b) kif jidher fir-rapport tal-Perit Godwin Drago A&CE tal-5 t'April 1997 li kopja tieghu hija annessa mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tas-7 t'Ottubru 1997 l-intimati fost affarijiet ohra ddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offrut u jitolbu li dan il-kumpens ikun ta' hmistax-il elf liri Maltin (Lm15,000) ghal bicca art deskritta taht (a) u ta' hamsa u sebghin elf Liri Maltin ghall-fondi 23 u 24 deskritti taht (b).

Ghaldaqstant ir-rikorrent titlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli, bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att li jaghti l-provedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap. 88)."

Ra r-rispost tal-intimati li tghid hekk:

"Illi l-kumpens dovut huwa kif indikat fl-ittra ufficjali prezentata mill-intimati tas-7 t'Ottubru, 1997.

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pave u l-Perit AIC Joseph Mizzi assenjati minn dan il-Bord biex jassistuh dwar il-materja teknika tal-kaz, wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Huma ikkunsidraw dana kollu, kif  ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta), u partikolarment l-Artikolu 27, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprjeta’ in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta’ fabbrikabbli in parte w agrikola fil-parti ohra, u dana ghal porzjon (a) u fabbrikabbli in kwantu ghall porzjon (b) u li l-valuri tal-istess proprjeta bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esebiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta’ **hmistax-il elf lira maltin (Lm15,000) ghall-ewwel porzjon u ta’ sittin elf lira maltin (Lm60,000) ghat-tieni porzjon.**

Illi l-ammont ta’ Lm15,000 illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 34,940.60 u dak ta’ Lm60,000 huwa ekwivalenti ghall-Ewro 139,762.40

Illi l-perit arkitett tal-awtorita tal-art kien ghamel stima tal-artijet fl-ammont ta’ Lm7080 kwantu ghall-porzjon (a) u Lm45,100 ghall-porzjon (b) fil-waqt illi intimati stmaw l-artijiet fil-valur ta’ Lm15,000 ghall-porzjon (a) u Lm75,000 ghall-prozjon (b);

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati li jitrasferixxu bhala liberi u franki b’titolu ta’ xiri assolut , l- bicctejn art fil-Mosta u cioe’ (a) bicca art in parti fabbrikabli u in parti agrikola tal-kejl ta’ 253 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma’ propjeta’ ta’ Joseph Grech u mill-Grigal ma’ Triq Pubblika u (b) u l-art fabbrikabli konsistenti f’fondi nru 23 u 24, Triq il-Mithna li jinkludi giebja bil-kumpens ta’ Ewro 34,940.60 (erba u tletin elf disa mija u erbghin Ewro u sittin centezmu) kwantu ghal-porzzjon (1) u Ewro 139,762.40 (mija u disa u tletin elf, seba mija u tnejn u sittin euro u erbghin centezmu kwantu ghal-porzjon (b) u b’kollox ghal-kumpens ta’ **Ewro 174,703.00** (mija erba u sebghin elf

seba mija u tlett ewro) oltre l-imghax legali spettanti lill-intimat. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-27 ta' Frar, 2008 fis-1.30 pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Marco Ciliberti biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------